MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 104/2005

Kanonku Eucharistico Sultana .

Vs

Joseph Sultana u martu Josephine Sultana .

Il-Qorti ;
Rat ic-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur wara li ppremetta :

Illi huwa silef lill-konvenuti Joseph u Josephine konjuġi Sultana l-ammont ta' sitt elef lira maltija (Lm6,000) bi skrittura tal-15 ta' Gunju, 2005 . (dok B anness) .

Illi din is-somma kellha tintradd lura mhux aktar tard mill-15 ta' settembru 2005, b'dan illi f'każ ta' morożita' kellhom awtomatikament jiddekorru l-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq dan l-ammont .

Illi dan id-debitu hu wieħed ċert likwidu u dovut u safejn jaf l-attur l-konvenuti ma għandhom ebda eċċezzjoni xi jqajjmu għat-talba illi dan il-kreditu tagħhom jitħallas .

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex ma għandhiex din il-Qorti :

1. Taqta' u tiddeċidi din il-kawża bid-dispensa mis-smiegħ a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodiċi u Organizzazzjoni u Proċedura ċivili ;
2. Tikkundannakom sabiex tħallsu lill-attur is-somma ta' sitt elef lira maltija (Lm6000) flimkien mal-interessi relattivi b'effett mill-ħmistax (15) ta' Settembru 2005 sad-data tal-effettiv pagament .

Bl-ispejjeż kontra tagħkom .

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni, illi għaliha minn issa intom inġunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur ikkonfermata bil-ġurament tiegħu .

Rat ukoll l-affidavit ta' l-istess attur, minnu maħluf .

Rat ukoll id-dokumenti esebiti ma' l-istess ċitazzjoni .

Semgħet lill-konvenut fl-udjenza tal-lum jammetti t-talba .

Il-Qorti, wara li rat ukoll il-verbal tad-difensuri rispettivi tal-partijiet, magħmul seduta stante, illum ukoll, tiddeċidi l-kawża in vista ta' din l-ammissjoni, billi tilqa' t-talba attriċi, u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur is-somma ta' sitt elef lira maltija (Lm6000), flimkien ma' l-imgħaxijiet relattivi b'effett mill-ħmistax (15) ta' Settembru, 2005, sad-data tal-pagament effettiv . B'dana illi din is-sentenza ma tkunx esegwibbli qabel il-wieħed u tletin (31) ta' Marzu 2006, b'dana illi l-attur ikollu l-fakulta' jirreġistra l-ipoteki neċessarji sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu . Spejjeż ikunu kollha a karigu tal-konvenuti .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------